Avviz Numru CCT 111/15/GB

**Anna Attard**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 13 ta' April 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' Gunju, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' elfejn sitt mija u sitt Ewro (€2,606.00), rapprezentanti t-telf attwali li soffriet, stante in-nuqqas ta' funzjonalita' ta' pannelli fotovoltajici li nxtraw u gew ukoll intsallati minghand l-intimata.

L-intimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda titlob bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-intimata thallasha s-somma ta' elfejn sitt mija u sitt Ewro (€2,606.00), jew somma verjuri, rapprezentanti t-telf attwali li r-rikorrenti diga' garrbet u ghad trid iggarrab b'rizultat ta' *misselling* mill-intimata ta' tmien pannelli fotovoltajici, minhabba li l-istess intimata kienet wieghdet lir-rikorrenti li wara li l-istess intimata tinstallahom hi fil-lok maghzul minnha, dawn kellhom jipproducu ghall-vantagg tar-rikorrenti ferm aktar elettriku milli fil-fatt qed jipproducu.

Is-somma mitluba hija t-telf attwali, kalkulat bil-prezz imhallas prezentement, ghaz-zmien kollu li fih il-funzjonalita' tal-istess pannelli hija garantita skond il-garanzija li l-intimata tat lir-rikorrenti.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez.

**L-intimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Meta saret l-installazzjoni r-rikorrenti kienet iffirmat illi kienet sodisfatta bl-installazzjoni li kienet saret.

Ta' min wiehed jinnota illi t-tariffa ghall-pannelli tispicca fis-sena 2020, hekk skond il-*grant* tal-Gvern u sussegwentement ir-rata tkun inqas wara din id-data.

Ir-rikorrenti ghandha bzonn struttura minhabba d-dell fuq il-bejt, liema struttura r-rikorrenti qieghda tirrifjuta illi taghmel.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok.AA1; dokument li jispjega l-ammont tat-talba taghha, li gie mmarkat bhala Dok.AA2; kif ukoll ir-*readings* ufficjali minn Jannar sa Novembru 2014, li gew immarkati bhala Dok.AA3.

Xehdet Silvia Azzoardi, prodotta mir-rikorrenti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata ta' l-intimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

L-intimata ezebiet dokument li juri t-tmien pannelli in kwistjoni, fejn gie indikat li tlieta minn dawn il-pannelli huma fid-dell hekk skond ir-*readings* li qed jaghtu, li gie mmarkat bhala Dok.ISD1.

It-Tribunal hatar lil Eur Ing Dr Charles Yousif, bhala Perit Tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post, izzomm access u kwalunkwe seduti necessarji u jirrelata dwar l-ilment tar-rikorrenti.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku, Eur Ing Dr Charles Yousif, fejn fil-konkluzjonijiet tieghu huwa kkonstata illi: "*The installed PV system is partially shaded in the morning hours, which reduces the output by 259.8 kWh/year or 8% of the optimum long term output of 2992.7 kWh/year.*", qed jaghzel li jistrieh fuq ir-relazzjoni tal-imsemmi Perit Tekniku fl-intier tieghu, b'dana illi in

vista wkoll tal-fatt li l-installazzjoni tal-pannelli in kwistjoni saret kompletament da parti ta' l-intimata, qed jigi konkluz illi kien hemm nuqqas ta' funzjonalita' tal-pannelli in kwistjoni, u ghalhekk telf attwalment soffert mir-rikorrenti. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti pero' biss in parte, u dana a bazi tal-kalkulazzjonijiet precizi kif ukoll teknici li saru da parti tal-Perit Tekniku, billi jordna lill-intimata thallas l-ammont ta' hames mija sebgha u erbghin Ewro u hamsa u tmenin centezmi (€547.85) lir-rikorrenti. B'referenza ghall-imsemmi rapport peritali, fejn gie wkoll konkluz illi hemm diversi nuqqasijiet li saru da parti ta' l-intimata fl-installazzjoni tal-pannelli in kwistjoni, it-Tribunal qed jordna wkoll lill-intimata taghmel ix-xogholijiet rimedjali, hekk skond l-istess rapport, u dana kollox a spejjez taghha. Bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**